**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**INGINIER RAYMOND VASSALLO**
**INGINIER NORMAN ZAMMIT**

**Illum 16 ta' Dicembru 2016**

**Rikors Numru 52/2015**

**Alfred Buttigieg**

**Vs**

**Bord Tal-Professjoni Tal-Inginerija kif imwaqqaf skond l-Att ta' 1988 dwar il-Professjoni ta' l-Inginerija**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Alfred Buttigieg** ipprezentat fis-17 ta' Awissu 2015 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

"

1. ***Introduzzjoni***

1.1. *Dan huwa appell taħt l-artikolu 7A(2) ta' l-Att dwar il-Professjoni ta' L-Inġinerija (Kapitolu 321 tal-Liġijiet ta' Malta) wara deċiżjoni mill-Bord tal–Professjoni ta' l-Inġiniera (minn hawn l-quddiem L-Bord) datata 23 ta' Lulju 2015 u mgħarrfa lill-esponenti nhar id-29 ta' Lulju 2015;*

1.2. *Il-fatti li wasslu għal dan l-appell, fil-qosor huma dawn li ġejjin;*

1.3. *L-esponenti ilu jitħarreġ fil-qasam ta' l-inġinerija għal diversi snin u huwa kwalifikat bħala 'Chartered Engineer' (C.Eng);*

1.4. *Iċ-Ċentru Malti għal-Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni (minn hawn il-quddiem 'NCFHE') hekk kif imwaqqaf minn Kap. 451 Ligijiet ta'*

*Malta għandu, fost il-funzjonijiet tiegħu, is-seta' illi jagħti għajnuna lil individwi fl-analiżi komparattiva u evalwazzjoni ta' kwalifiki;*

1.5. *Il-Kwalifika ta' 'Chartered Engineer' ġiet skrutinata mill- NCFHE u hija meqjusa mill-listess NCFHE bhala kwalifika illi hija fl-Istess livell ta' 'Bachelor's degree'. Din ġiet ikkonfermata permess ta' korrispondenza datata 14 ta' Novembru 2014. Kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok AB 1;*

1.6. *L-esponenti għamel taħriġ fil-livell ta' Masters fl-*Inginerija *ma' l-Universita' ta-Brunel fejn huwa iggradwa fil-2013. Kopja tar-riżultati u c-ċertifikat qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok AB 2.1 u 2.2 rispettivament;*

1.7. *Illi din il-kwalifika fl-livell ta' Masters hija rrikonoxxuta mill NCFHE hekk kif ġiet ikkonfermat fil-korrispondenza hawn annessa u mmarkata bħala Dok AB 3;*

1.8. *Illi minbarra minn hekk, l-esponenti ottjena warrant sabiex jipprattika bħala Inġinier fl-Ingilterra u fil-pajjiżi tal-Common Wealth fl-1997 kif ukoll huwa imniżżel fir-reġistru tal-European Federation of National Engineering Association (FEANI), liema federazzjoni ghandha l-ghan ewlieni illi tiffaċilita ir-rikonoxximent tal-Kwalifiki ta' L-ingieniera madwar 32 pajjiz Ewropew. (kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok AB 4 ;*

1.9. *L-esponenti ġie ukoll aċċettat u beda kors ma' l- University of Surrey fil-livell ta' Dottorat (Ph.D) fl-Inġinerija f' April ta' 2015.*

1.10. *L-esponenti applika għal-warrant ta' Inġinier f'Malta għal l-ewwel darba f' 19 ta' Settembru 2007 iżda il-Bord iddeċieda illi l-kwalifiki illi kellu l-esponenti ma kienux jilħqu il-livell rikjest mill-liġi u speċifikament Artiklu 3(d)(i) ta' Kap 321 Ligijiet ta' Malta kopja tad-deċiżjoni tal-Bord qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok AB5 ;*

1.11. *L-esponenti applika għal- warrant ta' Inġinier ghat-tieni darba f'Ottubru 2013 fejn għal darba oħra il-Bord iddeċieda illi ma jistax jagħmel rakkomandazzjoni lil Ministru biex jinħareġ warrant lill esponenti. Kopja tad-deċiżjoni tal- Bord qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala dak AB6;*

1.12. *L-esponenti jħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni tal-Bord u għalhekk qiegħed jippreżenta dan l-appell għab-bażi tas-segwenti raġunijiet;*

## 2. *X'tgħid il-liġi f' Kap 321 Professjoni ta' L-Inġinerija*

2.1. *Kap 321 Ligijiet ta' Malta, li jirregola l-għotja ta' warrant lil Inġiniera jipprovdi numru ta' kundizzjoniet li applikant irrid jilħaq sabiex ikun meqjus bħala kandidat għal- għotja ta' l-istess warrant;*

2.2. *Artiklu 3(d)(i) ta' Kap 321 jgħid illi persuna tikkwalifika għal- warrant jekk "ikollha dak il-grad tal-Università ta' Malta jew kwalifika akkademika ekwivalenti dwar il- professjoni tal-inġinerija li t-tnejn li huma, fiż- żmien rilevanti, jkunu rikonoxxuti mill-Bord bħala suffiċjenti għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu";*

2.3. *Illi għaldaqstant, kif diġà ġie rilevat f' paragrafu 1.4, l-esponenti ottjena kwalifika minn istituzzjoni illi hija rikonoxxuta u li tikkombaċċa perfettament mar-rekwiżiti tal-paragrafu preċedenti;*

3. ***Legislazzjoni Sussudjarja 451.03 Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki Professjonali***

3.1. *Din il liġi timplimenta id-dispożizzjonijiet tad- Direttiva tal-Kummissjoni 2005/36/KE u l-emendi tagħha permezz tad- Direttiva 2006/100/KE;*

3.2. *L-iskop ta' din id-Direttiva, u għalhekk, ta' din il- Leġislazzjoni Sussidjarja huwa illi tirrikonoxxi kwalifiki professjonali mogħtija minn istituzzjoni f'Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropeja f' Malta;*

3.3. *Regolament 22 ta' dan l-Att jgħid illi għandu jkun hemm rikonoxximent ta' kwalifiki formali għal- numru ta' professjonijiet ''...u għandu għal-finijiet ta' aċċess għal, u l-eżerċizzju ta' attivitajiet professjonali, jagħti lil dawn il-provi l-istess effett fuq territorju Malti bħal dawk il-provi ta; kwalifiki formali li jinħargu f'Malta stess"*

3.4. *Skeda 1 ta' l-istess Att tipprovdi lista ta' assoċjassjonijiet jew organizzazzjonijiet professjonali li jissodisfaw il-kondizzjonijiet tar-regolament 22 ;*

3.5. *Fost il-lista hawn fuq imsemmija hemm imsemmi l-'Engineering Council' u għalhekk din l-assoċjazzjoni hija meqjusa bħala waħda illi l-kwalifiki mogħtija minnha għandhom jiġu rikonoxxuti awtomatikament skond il-prinċipju ta' regolament 22;*

3.6. *Illi għalkemm il-kwalifiki ta' l-esponenti huma maħruġa mill- 'Engineering Council', il-Bord naqas milli jirrikonoxxi l-istess bħala kwalifiki illi jimmeritaw l-għotja ta' warrant sabiex l-esponenti jkun jista' jipprattika l-professjoni ta' Inġinier f'Malta;*

3.7. *Ta' min jirrileva ukoll illi f'ittra datata 26 ta' Novembru 2014 (hawn annessa u mmarkata bhala Dok.AB 7) L-istess Engineering Council ikkonferma illi l-kwalifiki maħruġa minnha jikkostitwixxu " a competent professional engineer" iżda din ghal-darb'ohra ġiet irrifjutata u/jew injorata mill-l-Istess Bord;*

3.8. *L-esponenti imkien ma ingħata raġuni oġġettiva sabiex wieħed jifhem illi ma kienx intitolat u/ jew kwalifikat biżżejjed sabiex l-Bord jagħmel ir-*

*rakkomandazzjonijiet neċessarji lil- Ministru sabiex jingħata warrant biex jipprattika il- professjoni ta' Inġinier f' Malta;*

***4. Konklużjoni***

*4.1. Għalhekk, għal dawn ir-raġunijiet u għal raġunijiet oħra illi jistgħu jiġu dedotti matul it-trattazzjoni ta' dina l-kawża, l-esponenti umilment jitlob illi dana l-Onorabbli Tribunal jgħoġbu jħassar, jirrevoka u jannulla d-deċiżjoni tal-Bord fil- konfront ta' l-esponenti u jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet neċessarji lil-Ministru sabiex jinħareġ Warrant f-isem l-esponenti u dan skond Artiklu 2 u Artiklu 3 (2) (d) (i) ta' Kap321, u dana taħt dawk il-provvedimenti kollha illi dana l-Onorabbli Tribunal jidhirlu xierqa u opportuni. Bl-ispejjeż kontra l-intimati."*

Ra r-risposta tal-Bord tal-Professjoni tal-Inginierija ipprezentata fil-11 ta' Settembru 2015 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

*"Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Generali ma giex notifikat skont kif jipprovdi l-Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi preliminarjament ukoll jigi rilevat li l-esponent mhuwiex il-legittimu kontradittur ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kap 12;*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponent sejjer bil-prezenti risposta jwiegeb ghar-rikors tal-appell interpost minn Alfred Buttigieg li permezz tieghu talab lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex ihassar, jirrevoka u jannulla d-decizjoni tal-Bord tal-Professjoni tal-*Inginerija *u jaghmel ir-rakkomandazzjonijiet necessarji lill-Ministru sabiex jinhareg Warrant f'isem l-esponenti skont l-Artikolu 2 u Artikolu 3(2)(d)(i) tal-Kap 321;*

*Illi l-appell devolut quddiem dan l-Onorabbli Tribunal huwa mfassal fuq l-aggravju li, skont ir-rikorrenti, il-kwalifiki tieghu huma ekwivalenti ghal grad fl-*Inginerija *mill-Universita` ta' Malta skont kif jipprovdi l-Artikolu 3(2)(d)(i) tal-Kap 321 ghas-segwenti ragunijiet:*

*a. Permezz ta' korrispondenza datata 14 ta' Novembru 2014, ic-Centru Malti ghar-Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni ('NCFHE') irrikonoxxa l-kwalifika tieghu ta' Chartered Engineer mill-Engineering Council l-Ingilterra, bhala komparabbli ma' livell 6 tal-Qafas tal-Kwalifiki ta' Malta;*
*b. Permezz ta' korrispondenza datata 8 ta' Awwissu 2014, l-istess NCFHE rrikonoxxiet il-kwalifika tar-rikorrenti ta' Master of Science in Building Services Engineering with Sustainable Energy minn Brunel University bhala komparabbli ma' livell 7 tal-Qafas tal-Kwalifiki ta' Malta;*
*c. Ir-rikorrenti ottjena warrant sabiex jipprattika bhala Inginier fl-Ingilterra u fil-pajjizi tal-Common Wealth fl-1997 kif ukoll huwa mnizzel fir-registru tal-European Federation of National Engineering Association (FEANI);*
*d. Ir-rikorrenti beda kors mal-Universita` ta' Surrey fil-livell ta' Dottorat (Ph.D) fl-*Inginerija *f'April 2015;*

*Illi l-esponent mill-ewwel jirrileva li t-talba tar-rikorrenti sabiex dan l-Onorabbli Tribunal jaghmel rakkomandazzjonijiet lill-Ministru flok il-Bord tal-Professjoni tal-*Inginerija *hija certament inammissibbli stante li l-poter ta' dan l-Onorabbli Tribunal mhuwiex li jirrakkomanda izda li jirrevedi atti amministrattivi fit-termini tal-Artikolu 7 tal-Kap 490 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi fir-rigward tal-aggravju tar-rikorrent, l-esponent jissottometti s-segwenti:*

1. *Kif rilevat mill-istess NCFHE fl-imsemmija korrispondenzi datati 14 ta' Novembru 2014 u 8 ta' Awwissu 2014, "MQRIC points out that the Mutual Recognition of Qualifications Act XVIII of 2002 empowers Designated Authorities to make further evaluation of qualifications and experience. In terms of the aforementioned Act, if the intention is of practicing a profession, one has to submit an application to the relevant Designated Authority requesting authorisation to practice a profession";*

2. *Tassew, hekk kif jippreskrivi l-Artikolu 2 tal-Kap 451 tal-Ligijiet ta' Malta, l-awtorita` nominata biex taghmel ir-rikonoxximent reciproku ta' kwalifiki dwar professjoni tal-*Inginerija *kif inhi elenkata fl-Iskeda tal-imsemmi Kap 451, huwa l-Bord tal-Professjoni tal-*Inginerija *stabbilit taht il-Kap 321 u mhux l-NCFHE;*

3. *Il-Bord fl-evalwazzjoni tieghu rrikonoxxa l-esperjenza prattika professjonali kif ukoll il-kwalifiki ottjenuti mir-rikorrenti, izda ma setax ikun sodisfatt li tali kwalifiki huma ekwivalenti ghal grad tal-Universita` ta' Malta fit-termini ta' dak dispost fl-*Artikolu *3(2)(d)(i) tal-Kap 321 ghal raguni li, kif se jigi ppruvat fil-kors tal-kawza, l-istudy units koperti mir-rikorrenti fil-kwalifiki ottenuti minnu ma jilhqux in-numru ta' ECTS credit li wiehed irid jottjeni sabiex jikkwalifika ghal grad fl-*Inginerija *mill-Universita` ta' Malta;*

4. *Tabilhaqq, hekk kif jippreskrivi r-regolament 15(1) tal-L.S. 451.03, sabiex jippermetti l-access jew l-ezercizzju tal-professjoni ta' Inginier mir-rikorrenti, l-esponent Bord tal-Professjoni tal-*Inginerija, *kellu bhala l-'awtorita` nominata relattiva' jaccerta li l-kwalifiki ottjenuti mill-istess rikorrenti jippermettu access jew ezercizzju ta' tali professjoni "taht l-istess kundizzjonijiet li japplikaw ghal cittadini applikanti";*

5. *Li kif gie rilevat ukoll fis-sentenza preliminari ta' Reinhard Gebhard and Consiglio dell-Ordine degli Avvocati e Procuratori di Milano moghtija mill-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropeja fit-30 ta' Novembru 1995, 'Member States must take account of the equivalence of diplomas and, if necessary, proceed to a comparison of the knowledge and qualifications required by their national rules and those of the person concerned."*

6. *Illi l-kwalifiki tar-rikorrenti, ghal ragunijiet su detti, ma jippermettux access jew ezercizzju tal-professjoni ta' Inginier taht l-istess kundizzjonijiet li japplikaw ghal cittadini Maltin u ghalhekk il-Bord gustament ma setax jirrakkomanda lill-Ministru responsabbli ghal xoghlijiet sabiex lir-rikorrenti jinghatalu l-warrant ghall-ezercizzju tal-professjoni ta' inginier;*

*Illi d-decizjoni moghtija mill-esponent ttiehdet skont il-ligijiet nazzjonali rilevanti kif ukoll skont il-L.S. 451.03 li timplimenta d-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/36/KE kif emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/100/KE;*

*Illi ghalhekk m'hemmx raguni ghaliex dan l-Onorabbli Tribunal ghandu jvarja l-apprezzament tal-esponent u lanqas jiddipartixxi mill-konkluzjoni raggunata minnu kif qed jigi mistieden jaghmel mir-rikorrent appellant.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz;*

*Ghaldaqstant, in vista ta' dawn ir-ragunijiet, l-esponent jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jichad it-talbiet tar-rikorrent appellant bl-ispejjez kontra tieghu."*

Rat illi l-ewwel eccezzjoni tal-Bord intimat giet rinunzjata fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2016;

Sema' x-xhieda prodotti mill-partijiet;

Sema' s-sottomissjonijiet orali tal-partijiet;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Bord tal-Professjoni ta' l-Inginiera (aktar 'l isfel "il-Bord") datata 23 ta' Lulju 2015 li permezz taghha gie mgharraf illi l-applikazzjoni tieghu ghall-*warrant* ta' Inginier ma kinitx tikkonforma ma' artikolu 2 u 3 (2) (d) (i) tal-Att dwar il-Professjoni ta' l-Inginerija. Ghaldaqstant, l-istess Bord ma setghax jirrakomanda lill-Ministru koncernat sabiex johrog il-*warrant* ta' Inginier lir-rikorrent.

Illi t-Tribunal qabel xejn se jghaddi biex jinvesti t-tieni eccezzjoni tal-Bord intimat, u cioe`, jekk l-istess Bord huwiex il-legittimu kontradittur ai termini tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi c-citat artikolu jghid is-segwenti:-

*"181B. (1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:*
*Iżda, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu:*
*(a) kawżi għall-ġbir ta' ammonti dovuti lill-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mill-Accountant General;*

*(b) kawżi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta' servizz mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;*
*(ċ) kawżi dwar kuntratti ta' provvista jew ta' appalt mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mid-Direttur tal-Kuntratti.*

*(2) L-Avukat Ġenerali jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.*

*(3) Kull rikors, ġuramentat jew le, jew att ġudizzjarju ieħor magħmul kontra l-Gvern għandu jiġi notifikat lil kull kap ta' dipartiment tal-gvern li kontra tiegħu jkun dirett u lill-Avukat Ġenerali u kull terminu biex issir risposta dwar att bħal dak minn kull kap ta' dipartiment tal-gvern li jkun konvenut jew intimat fi proċeduri ġudizzjarji ma jibdiex jiddekorri qabel ma l-att jiġi notifikat lill-kap jew kapijiet ta' dipartimenti tal-gvern li kontra tagħhom ikun dirett u lill-Avukat Ġenerali. In-notifika lill-Avukat Ġenerali ssir bla ħlas lir-reġistratur."*

Illi l-funzjonijiet tal-Bord intimat jemanu minn artikolu 7 tal-Att Dwar il-Professjoni tal-Inginerija, fosthom li "*jikkunsidra applikazzjonijiet ghall-hrug ta' warrant u li jaghmel ir-rakkomandazzjonijiet tieghu dwarhom lill-Ministru."* Illi mbaghad ai termini tal-artikolu 7A tal-istess Att, id-decizjonijet tal-Bord jistghu jigu appellati quddiem dan it-Tribunal. It-Tribunal, da parti tieghu, jista' jikkonferma, jvarja, totalment jew parzjalment, id-decizjoni tal-Bord.

Illi t-Tribunal jirrileva illi l-appelli quddiemu huma ta' natura *sui generis* ghaliex johrogu minn ghadd ta' ligijiet specjali. It-Tribunal jirrileva illi in fatti, meta wiehed jappella, lanqas ma hemm bzonn li jipprocedi b'att gudizzjarju qabel jipprezenta l-appell tieghu, ghalkemm l-appell ikun intavolat kontra awtorita` pubblika. Dawn l-appelli ghandu jkunu ta' natura speditivva u l-awtoritajiet pubblici m'ghandhomx jinqdew bl-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur sakemm din ma tkunx palezement gustifikata.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi fic-cirkostanzi l-Bord intimat huwa l-legittimu kontradittur ghax hija decizjoni diretta tieghu li r-rikorrent qieghed jappella minnha u jekk eventwalment ikun hemm xi decizjoni minn dan it-Tribunal li tvarja d-decizjoni tal-Bord din trid tigi implimentata mill-istess Bord. Ghaldaqstant it-tieni eccezzjoni qieghdha tigi michuda.

Illi ghalhekk it-Tribunal se jghaddi biex jinvesti l-mertu tal-kwistjoni, u cioe` jekk id-decizjoni tal-Bord kinitx wahda gusta jew le fic-cirkostanzi kif ipprezentati quddiem dan it-Tribunal.

Illi skond il-**Professur Simon Fabri**, Inginier u membru tal-Bord, il-Bord kien ircieva l-applikazzjoni tar-rikorrent, ghamillu intervista u wkoll kien ircieva xi dokumenti minghand l-istess rikorrent biex jissostanzjaw il-kredenzjali tieghu. Jghid li l-linji gwida tal-Bord biex jinhareg *warrant* huma li applikant irid ikollu ammont ta' mitejn u erbghin (240) *credit*. Mistoqsi jekk fl-ezercizzju tad-deliberazzjoni tal-Bord ir-rikorrent inghatax *credits* ghall-kwalifika ta' *Chartered Engineer* (C. Eng), ix-xhud spejga li din mhix kwalifika akkademika imma titolu li jinghata mill-*Engineering Council* tar-Renju Unit u ghalhekk ma tawhx *credits* ghaliha. Jispjega wkoll illi ghalkemm it-titolu ta' C. Eng. huwa ekwiparabbli ma livell 6, u cioe`, ghal ma' *Bachelor*'s *degree*, madankollu l-istess irid ikun in linja mal-linji gwida li juza l-Bord biex jevalwa jekk il-*Bachelor*'s *degree* fl-Inginierja hix tajba ghall-fini tal-*warrant* jew le. Jghid li ai fini tal-ghoti tal-*warrant* wiehed irid ikollu *Bachelor*'s *degree* fl-Inginerija akkreditata mill-Bord u li ghandha mitejn u erbghin *credit*. Jispjega li min ikollu inqas minn mitejn u erbghin *credit* irid jittopja b'minimu ta' *credits* ohra biex jilhaq l-ammont imsemmi. Jghid li meta applikant ma jkunx ghamel il-kors li toffri l-Universita ta' Malta, il-Bord jidhol f'izjed dettall u jara li l-kors li jkun ghamel l-applikant ikun ekwivalenti ghal *degree* fl-Inginierija. Jghid li skond il-ligi Maltija biex persuna tinghata l-*warrant* irid ikollha kwalifici akkademici fl-Inginerija u allura jekk is-C. Eng tinghata abbazi ta' ragunijiet ohra dan ma jkunx in linja mal-ligi Maltija.

**L-Inginier Anthony Cachia**, membru tal-Bord intimat, ikkonferma l-bicca l-kbira x-xhieda tal-Inginier Simon Fabri.

**Il-Professur Joseph Anthony Agius** xehed illi huwa kien jaf li r-rikorrent kien afdat b'diversi progetti ta' certu livell fosthom il-konverzjoni tal-makkinarju tal-*power station* mill-faham ghaz-zejt, kellu wkoll esperjenza fid-disinn tal-vapuri tal-Gozo Channel pero` x-xhud ma kienx jaf xi rwol kellu r-rikorrent. Mistoqsi wkoll jekk kienx jaf li r-rikorrent kien involut fid-disinn tal-kumpless ta' Pembroke u fid-disinn ta' Falzon Oil Terminals ix-xhud ma tax risposta. Jispjega illi c-C.Eng hija biljett li jhallik tahdem *"in a highly professional capacity"* barra minn Malta.

**Ir-rikorrent** ipprezenta ghadd ta' dokumenti biex jipprova l-kwalifiki tieghu u wkoll l-esperjenza tieghu tul iz-zmien. Fil-kors tax-xhieda tieghu huwa spjega illi f'April 2015 huwa kien qieghed jaghmel PhD mal-Universita ta' Surrey fis-suggett ta' *"environment engineering"* u li s'issa ghadda b'success l-ewwel sena wara li kellu bosta intervisti. Jispjega illi skond ic-certifikazzjoni li pprezenta huwa ghandu certifikat

biex jipprattika bhala Inginier f'diversi zoni tad-dinja filwaqt li ghandu wkoll ic-certifikat tal-FEANI[1] li permezz tieghu jista' jahdem fl-Ewropa. Jispjega wkoll illi ottjena *Masters of Science degree* mill-Universita` ta' Brunel.

Ir-rikorrent jispjega illi d-decizjoni appellata kienet wahda ta' ftit linji u qatt hadd ma gibidlu l-attenzjoni li kellu bzonn xi *top ups* biex jinghata l-*warrant*. Kien biss waqt id-deposizzjoni tal-membri tal-Bord li gie mgharraf b'dan il-fatt. Jispjega li skond hu, il-Bord ghamel evalwazzjoni hazina tan-numru ta' *credits* li huwa ottjena fil-kors Universitarju *BSc Maths u Computing Science*. Dan ghaliex ghall-i*study units* li ghamel f'dan il-kors il-Bord tah erbgha u disghin (94) *credit* meta fil-fatt meta huwa ccekkja l-ekwivalenza illum tal-i*study units* li ghamel dawn jammontaw ghal mitejn u ghoxrin (220) *credit*. Jghid li dan il-kors ma kienx ikkompletah minhabba esigenzi ta' xoghol stante li fiz-zmien li kien qed jaghmel l-istess kors kien Kap tad-Dipartiment tal-Inginerija fit-Tarzna.

Rigward l-esperjenza professjonali tieghu ir-rikorrent spjega illi fl-2001 huwa kien responabbli mid-disinn tad-dawl tal-kumpless tal-Waste Oils gewwa l-Marsa. Jispjega wkoll illi huwa kien ukoll responsabbli mill-konverzjoni tal-muturi tal-*power station* meta saret il-konverzjoni mill-faham ghaz-zejt. Esperjenza ohra kienet hidma fuq diversi vapuri fosthom tal-Gozo Channel fejn jidhol il-lat elettroniku taghhom. Kellu wkoll ir-reponsabbilita` li ddisinja l-elettriku ta' magna biex ittaqqab it-toroq taht l-art. Dawn il-progetti kollha gew a konjizzjoni tal-Bord u r-rikorrent jispjega illi l-Bord qatt ma tefa' dubju fuq l-esperjenza tieghu. Jispjega wkoll illi huwa kien responsabbli mill-*working drawings* tal-progett ta' l-iskola go Pembroke u wkoll hadem fuq it-turbini tal-generaturi tal-*power station*. Mistoqsi mit-Tribunal jekk jistghax jahdem liberament ta' Inginier gewwa r-Renju Unit ir-rikorrent wiegeb fl-affermattiv. Ir-rikorrent jispjega wkoll illi fil-passat kien hemm individwi li kellhom ic-C.Eng u li nghataw il-*warrant* in kwistjoni.

Illi l-**Professur Simon Fabri** ipprezenta wkoll affidavit fejn zied illi l-kors tal-BSc li ghamel ir-rikorrent, izda pero` li ma lestiex. kien wiehed fuq bazi *part-time*, u li anke kieku kien komplut kollu kien jissarraf f'110 ECTS li huwa inqas mill-minimu ta' ECTS rikjesti mill-Bord biex jinghata *warrant*. In kontro-ezami jghid illi anke kieku r-rikorrent ikkompleta l-BSc fil-*Mathematics u Computing*, il-Bord ma jqishiex bhala *degree* fl-Inginerija ghaliex hija *dual subject degree* u mhix *degree* li tidderigik ghal suggett fl-Inginerija bhal *computer engineering, mechanical engineering jew electrical engineering*.

[1] *European Federation of National Engineering Association*

Jispjega li c-C.Eng mhijiex kwalifika imma hija registrazzjoni mal-*Engineering Council* tar-Renju Unit, pero` jirrikonoxxi li biex wiehed ikollu tali registrazzjoni irid ikollu certu kwalifiki. Jispjega li l-Bord irid jimxi mal-ligi li tesigi li biex wiehed jinghata *warrant* irid ikollu kwalifika akkademika u li jekk is-C.Eng tkun giet miksuba abbazi tal-esperjenza li jkollu applikant, il-Bord ma jistghax jekwiparaha ma kwalifika akkademika.

Illi l-**Inginier Anthony Cachia** ipprezenta wkoll affidavit fejn zied illi l-ewwel darba li r-rikorrent kien applika ghall-ghoti tal-*warrant* kien f'Settembru 2007 fejn dak iz-zmien ir-rikorrent kien diga rregistrat bhala *Chartered Engineer*, liema applikazzjoni giet rifjutata. Jispjega illi f'Ottubru 2013 ir-rikorrent rega' ssottometta applikazzjoni ohra fejn qabel ma inghatat decizjoni kienu saru intervisti u intalab jissottometti diversi dokumenti biex jissostanzja l-kwalifici tieghu. Jghid li wiehed jista' jottjeni s-C.Eng jew abbazi ta' esperjenza jew abbazi ta' kwalifici akkademici. Jispjega illi ghalkemm is-C.Eng tindika li individwu huwa registrat mal-*Engineering Council* tar-Renju Unit, mhux necessarjament u awtomatikament tiggarantixxi li r-rekwizit akkademiku kif stipulat fl-Att Dwar il-Professjoni tal-Inginerija gie milhuq. Jghid li kif jirrizulta mid-dokumenti u mix-xhieda tar-rikorrent stess, huwa ottjena s-C.Eng abbazi tal-esperjenza tieghu u mhux b'modi akkademici u kwindi ma kienx jissodisfa l-kriterji stipulati fil-ligi. Jispjega illi sabiex persuna tkun registrata mal-Engineering Council tar-Renju Unit trid thallas kemm *annual subscription* lill-istitut rispettiv u kif ukoll *Annual renewal fee for Engineering Council Registration*. In kontro-ezami jispjega illi meta applikant jipprezenta ruhu bit-titolu ta' C.Eng il-Bord jara x'ikun hemm wara dak it-titolu u cioe` jekk hux formazzjoni akkademika *o meno*. Dan ghaliex jekk wiehed ikollu t-titolu ta' C.Eng li jkun moghti mhux abbazi ta' kwalifici akkademici, dan jista' jitlef l-istess titolu jekk ma jibqghax ihalls il-mizata ta' registrazzjoni. Jghid li jekk applikant ma jissodisfax il-livell akkademiku, il-Bord ma jistghax ikompli jevawla fuq livell ta' esperjenza ghax l-ewwel bniedem irid jifforma ruhu akkademikament.

**Ikkunsidra:**

Illi ai termini tal-artikolu 2 tal-Kapitolu 321 tal-Ligijiet ta ta' Malta (Att Dwar il-Professjoni tal-Inginerija) "Inginier" tfisser **persuna li tkun kisbet grad fl-inginerija mill-Universita` ta' Malta jew minn istitut barrani maghruf bhala ekwivalenti**.

Illi mbaghad ai termini tal-artikolu 3 tal-imsemmi Att, biex persuna tkun tista' tezercita l-professjoni ta' Inginier trid:-

a. Tkun cittadin Malti jew ta' Stat Membru taz-Zona Ekonomika Ewropea jew tkun xort'ohra intitolata li tahdem f'Malta;
b. Tkun ta' kondotta tajba;
c. Tkun kapaci ghal kollox skont il-ligi; u
d. Tkun tissodisfa lill-Bord tal-Professjoni tal-Inginerija illi:-
   i. **Ikollha dak il-grad tal-Universita` ta' Malta jew kwalifika akkademika ekwivalenti dwar il-professjoni tal-Inginerija li t-tnejn li huma fiz-zmien rilevanti, jkunu rikonoxxuta mill-Bord bhala sufficjenti ghall-ghoti tal-*warrant*;**
   ii. Ghal perjodu ta' mhux inqas minn sena qabel jew wara li tkun otteniet il-kwalifika msemmija tkun ghamlet tahrig prattiku fl-Inginerija approvat mil-Bord; u
   iii. Ghal perjodu ta' mhux inqas minn sentejn wara li tkun otteniet il-kwalifika tkun harget fil-prattika tal-professjoni taht is-sorveljanza ta' inginier li jkun fil-prattika.[2]

Illi wara li dan it-Tribunal ra d-dokumenti kollha esebiti u sema' x-xhieda jirrizultalu illi l-kontestazzjoni principali ta' dawn il-proceduri hija jekk il-kwalifiki li ghandu r-rikorrent jikkwalifkawhx o meno sabiex jinghata l-*warrant* sabiex jipprattika bhala Inginier hawn Malta. Wahda mill-kontestazzjoniet principali bejn ir-rikorrent u l-Bord intimat hija jekk it-titolu ta' C.Eng, mghoti mill-*Engineering Council* tar-Renju Unit, ghandux jigi meqjus ai fini ta' dak previst f'sub-artikolu 3 (d) (i) tal-ligi fuq imsemmija.

Illi bazikament ir-rikorrent isostni illi l-Bord messu ta l-piz debitu lit-titolu tas-C.Eng u dan anke abbazi ta' dikjarazzjoni mill-istess *Engineering Counci l*tar-Renju Unit li meta mistoqsi mir-rikorrent jekk ir-rotot kollha li bihom jista' jikseb is-C.Eng humiex kollha ekwivalenti, l-istess Kunsill iddikjara permezz ta' ittra datata 26 ta' Novembru 2014 illi "*There is only one award of CEng. It is possible to obtain CEng by a number of routes but the standard required is the same and the outcome in terms of the CEng titleholder being a competent professional engineer is the same.*
*You should also note that as Chartered Engineer is a regulated profession then Malta should treat your application for a warrant under Directive 2005/36 procedures. Under this directive CEng is a level e qualification and the legal presumption is that Malta will grant the warrant without further assessment."*

Kontestazzjoni ohra da parti tar-rikorrent hija illi filwaqt li huwa qed jissottometti illi l-korsijiet li huwa ghamel, u c-C.Eng, jissodisfaw dak li jirrikjedi s-subartikolu 3 (d) (i), il-Bord intimat qieghed jishaq illi c-

[2] Ara artikolu 3 tal-Kapitolu 321 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar il-Professjoni tal-Inginierija)

C.Eng ottenuta mir-rikorrent ma tekwivalix ghal kwalifika akkademika dwar il-professjoni tal-inginierija u lanqas jista' jistrieh fuq il-BSc Mathematics and Computing ghaliex dan il-kors, anke jekk mhux terminat, mhux kwalifika akkademika ekwivalenti dwar il-professjoni tal-Inginerija.

Illi kif gie spjegat mill-membri tal-Bord, wiehed jista' jakkwista t-titolu ta' C.Eng b'iktar minn mezz wiehed, u cioe` hemm toroq akkademici u toroq li principalment huma bbazati fuq l-esperjenza. It-Tribunal qieghed jghid "principalment" ghaliex biex gie moghti c-C.Eng ir-rikorrent kellu jissottomettu ruhu ghal ezamijiet, intervisti u wkoll jaghmel tezi.

Illi kif jirrizulta mill-provi, fid-decizjonijet tieghu dwar rakkomandazzjonijiet ta' ghoti ta' *warrant*s, il-Bord ghandu Linji Gwida[3] li huma principalment is-segwenti:-

"

*a) a minimum 4-year full-time (240 ECTS at MQF level 6) Bachelors degree with honours in Engineering; or*

*b) a minimum 3-year full-time (180 ECTS at MQF level 6) Bachelors degree with honours in Engineering recognised by the Board, plus a further minimum 1 year full-time equivalent (60 ECTS to-up minimum at MQF level 6 [of a level 3 or 4 within the MQF level 6] or higher) engineering qualification; or*

*c) an academic degree that at the relevant time is recognised by the Board to be equivalent to the above for the purposes of this article."*

Illi ghalhekk dak li dan it-Tribunal irid jgharbel huwa jekk il-kwalifici li ghandu r-rikorrent jistghux jitqiesu bhala kwalifici akkademici ekwivalenti dwar il-professjoni tal-Inginerija. Illi dwar il-kwalifika ta' *Master of Science* minn Brunel University fis-suggett *"Building Services Engineering with Sustainable Energy"* miksuba mir-rikorrent fl-2013 ma jidhirx li hemm kontestazzjoni fuqha li din hija kwalifika valida ghall-ghanijiet ta' artikolu 3 (d) (i) tal-Kapitolu 321 u ghal din il-kwalifika inghata disghin (90) ECTS. Jirrizulta wkoll illi l-Bord intimat ha in konsiderazzjoni l-*modules* kollha li r-rikorrent lahaq ghamel fil-kors tal-B.Sc. fis-suggett tal-"*Mathematics and Computing"* u ghal dan inghata erbgha u disghin (94) ECTS. Madankollu, skond il-Professur Simon Fabri dan l-ahhar kors ma giex meqjus ghal-fini tal-ghoti tal-*warrant* peress li r-rikorrent ma kienx temm il-kors b'success, pero` anke kieku ghamel dan, din il-kwalifika mhix *degree* fl-Inginerija peress li l-kors mhuwiex ghal kollox specjalizzat fuq computing jew IT.

[3] Dok C a fol. 50

Illi għalhekk, għalkemm il-Bord ikkonsidra kemm il-kwalifika tal-Universita` ta' Brunel u kif ukoll il-kors parzjali tal-B.Sc., l-ebda wieħed minnhom ma kien jikkwalifika lir-rikorrent għall-għoti tal-*warrant*. Jirrizulta wkoll illi l-kwalifika tas-C.Eng, peress li skond il-Bord giet ottenuta bir-rotta tal-esperjenza, ma gietx konsiderata mill-Bord għalkemm mir-rapport redatt mill-Professur Fabri hemm indikat li t-tezi li għamel ir-rikorrent biex ottjena s-C.Eng għandha livell simili għal dak ta' tezi ta' B.Eng (Hons). Illi għalhekk, skond il-Bord, l-uniku *degree* li ottjena r-rikorrent fl-Inginierija hija dik tal-Universita ta' Brunel li ggorr magħha disgħin (90) ECTS, u għalhekk l-istess rikorrent ma ssodisfax il-minimu ta' mija u tmenin ECTS biex imbagħad il-Bord ikun jista' jikkunsidra kwalifici addizzjonali bħala *top up*.

Illi wara li t-Tribunal għamel apprezzament tal-provi kollha migjuba quddiemu, u wara li għarbel sewwa artikolu 3 (2) (d) tal-Kapitolu 321 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa tal-fehma illi l-interpretazzjoni li ta l-Bord lill-istess artikolu hi waħda korretta, fis-sens, illi biex jingħata *warrant* ta' Inginier l-applikant, jekk ma jkollux grad tal-Universita` ta' Malta f'kors tal-Inginerija irid ikollu **kwalifika akkademika** li tkun ekwivalenti għall-kors segwit hawn Malta fl-Inginerija. Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-Bord ma sab l-ebda diffikulta sabiex jirrikonoxxi il-kwalifika tal-Universita` ta' Brunel bħala li hija kwalifika akkademika dwar il-professjoni tal-Inginerija, izda sab diffikulta sabiex jagħmel l-istess għall-kwalifika tas-C.Eng u għall-*modules* li r-rikorrent għamel fil-kors tal-B.Sc. Mathematics and Computing.

Illi t-Tribunal iqis li l-Bord għamel interpretazzjoni gusta tal-ligi u jqis li jekk il-ligi trid li biex persuna tingħata *warrant* trid tkun għamlet kors fl-Universita` ta' Malta, li allura necessarjament huwa kors akkademiku, l-ekwivalenti ta' tali kors irid ikun wieħed akkademiku wkoll. Illi minn dak relatat fir-rapport imħejji mill-Professur Fabri jirrizulta illi s-C.Eng giet ottenuta mill-*Institute of Electrical Engineers* tar-Renju Unit wara li l-istess Istitut ikkonsidra s-segwenti:-

i. Il-kwalifika ta' HTD;
ii. L-esperjenza lavorattiva; u
iii. Tezi intitolata *Reactive Power Control* imħejjija mir-rikorrent li dwarha r-rikorrent issottometta ruħu anke għal ezami *viva voce*.[4]

Illi t-Tribunal jirrileva illi huwa ħa wkoll in konsiderazzjoni l-lista ta' *"warranted engineers"* esebita mir-rikorrent bħala Dok A a fol. 121 sa

[4] Dok F a fol. 58

fol. 127 minn fejn jirrizulta illi hemm numru ta' persuni li m'ghandhomx *degree* tal-Universita` ta' Malta, u f'certi kazi ghandhom is-C.Eng, li inghataw il-*warrant*. Pero` t-Tribunal jinnota illi ghal certu perjodu ta' zmien kien hemm eccezzjoni ghall-ghoti ta' *warrant* fuq kwalifiki akkademici u dan peress li kien hemm perjodu ta' sena mill-10 ta' Ottubru 1995 fejn persuna li fl-1 ta' Jannar 1988 tkun diga ghal perjodu ta' mhux inqas minn hmistax-il sena qabel dik id-data okkupat posizzjoni responabbli fl-Inginerija, setghet tapplika ghall-*warrant* u tigi ezentata mill-Bord milli jkollha r-rekwiziti msemmija fis-subartikolu 2 (d) dment li l-Bord ikun sodisfatt dwar il-kwalitajiet taghha wara assessjar professjonali u akkademiku.

Illi l-professjoni ta' Inginier iggorr maghha responsabbilita` kbira, fosthom ta' sahha u sigurta`, u ghalkemm persuna jista' jkun li jkollha esposizzjoni vasta fuq il-lant tax-xoghol, dan irid ikun sorrett minn formazzjoni akkademika adegwata li jkollha l-gheruq taghha f'kors ta' formazzjoni akkademika.

Illi nonostante d-dikjarazzjonijiet maghmula fl-ittra tas-26 ta' Novembru 2014 mill-Engineering Council tar-Renju Unit fejn ir-rikorrent gie mgharraf illi *"the legal presumption is that Malta will grant the warrant without further assessment*"[5], it-Tribunal jirrileva illi din id-dikjarazzjoni hija fattwalment zbaljata ghaliex il-ligi Maltija tirrikjedi numru ta' fatturi li jrid jissodisfa applikant biex ikun jista' jinghata l-istess *warrant.* F'dan il-punt it-Tribunal jaghmel referenza wkoll ghall-premessa numru 3 fir-rikors promutur fejn saret referenza ghal Regolament 22 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 451.03 (Regolamenti Dwar ir-Rikonoxximent Reciproku Ta' Kwalifiki Professjonali), liema Legislazzjoni Sussidjarja implimentat id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kummissjoni Ewropeja 2005/36 kif emendata bid-Direttuva 2005/100. Illi c-citat Regolament fis-subartikolu 1 tieghu jghid is-sewgwenti:

"***Għandu jkun hemm rikonoxximent ta' provi ta' kwalifiki formali ta' tabib li jagħti aċċess għall-attivitajiet professjonali ta' tabib b'taħriġ bażiku u tabib speċjalizzat, bħala infermier responsabbli mill-kura ġenerali, bħala dentist, bħala dentist speċjalizzat, bħala kirurgu veterinarju, bħala spiżjar u bħala perit, li għalihom jirreferi l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, u kif elenkati fit-Tieni Skeda li tinsab mar-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifika ta' Perit, u fl-Iskeda I li tinsab mar-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki ta' Kirurgi Veterinarji, rispettivament, dawk il-provi li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi ta' taħriġ imsemmija fl-artikoli relevanti tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, l-Att dwar il- Periti u l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji rispettivament, u għandu, għall-finijiet ta' aċċess għal, u l-eżerċizzju***

[5] Dok AB7 a fol. 20

***ta' attivitajiet professjonali, jagħti lil dawn il-provi l-istess effett fuq it-territorju Malti bħal dawk il-provi ta' kwalifiki formali li jinħarġu f'Malta stess."***

Illi ghalhekk jekk wiehed jaqra sew l-istess Regolament isib li dan ir-Regolament qieghed jitkellem biss fuq numru limitat ta' professjonijiet bhal ma huma dawk fil-qasam tas-sahha, ta' kirurgi veterinarji u ta' Periti u ma jaghmel l-ebda referenza ghall-professjoni ta' inginier. Ghalhdaqstant dan ir-Regolament ma jistghax jaghti xi tip ta' konfort lir-rikorrent ghax il-professjoni ta' inginier mhix wahda minn dawk imsemmija fl-istess Regolament u li ghall-kwalifika taghha ghandu jinghata rikonoxximent awtomatiku.

Illi t-Tribunal jaghmel referenza wkoll ghal artikolu 3 tal-Kapitolu 451 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar ir-Rikonoxximent Reciproku Ta' Kwalifiki) li jistipula s-segwenti:-

*"Dan l-Att japplika għall-professjonijiet u l-attivitajiet professjonali elenkati fl-Iskeda, b'dan li ebda applikant ma jkollu jedd jeżerċita professjoni regolata jew attività professjonali regolata kemm-il darba ma jwettaqx il-kondizzjonijiet biex jibda jeżerċita jew iwettaq l-eżerċizzju ta' dik il-professjoni jew attività skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi liġi elenkata fl-Iskeda."*

Illi l-ligi li tirrevola l-professjoni ta' inginier (Kapitolu 321) hija fost dawk elenkati fl-Iskeda msemmija u ghalhekk biex applikant ikollu jedd jezercita l-professjoni ta' inginier irid necessarjament iwettaq il-kundizzjonijiet biex jibda jezercita l-professjoni tieghu skond id-disposizzjonijiet tal-istess Att Dwar il-Professjoni tal-Inginierija (Kapitolu 321), liema kundizzjonijiet diga gew elenkati aktar 'il fuq, liema kundizzjonijiet jirrizulta li ma gewx totalment sodisfatti fil-kaz tar-rikorrent.

Illi l-fehma tat-Tribunal li l-Bord kien korrett fil-mod kif iddecieda hija iktar imsahha meta wiehed iqis l-emendi li saru permezz tal-Att XXIII tal-2009 li emenda l-Att in kwistjoni. Qabel dawn l-emendi, artikolu 3 (2) (d) (i) kien jirrikjedi illi biex persuna tkun tista' tikkwalifika ghal *warrant,* irid *"ikollha dak il-grad ta' l-Universita' ta' Malta, jew* ***kwalifika professjonali ta' l-Inginerija***[6] *li, fiz-zmien rilevanti tkun maghrufa mill-Bord li tkun sufficjenti ghall-ghanijiet ta' dan l-artikolu*". Bl-emendi msemmija l-kliem "*kwalifka professjonali ta' l-Inginerija*" gew imnehhija u mibdula bil-kliem "*jew* ***kwalifika akkademika ekwivalenti dwar il-professjoni tal-inginerija.***" Illi pero` li hu interessanti hu li anke kif kienet redatta l-ligi qabel l-emendi msemmija, xorta wahda l-istess disposizzjoni giet interpretata illi

[6] Enfasi tat-Tribunal

applikant ried ikollu kwalifika akkademika biex jottjeni l-*warrant*, u dan kif affermat fis-sentenza **Kenneth Abela vs Onorevoli Ministru ghall-Ambjent et.** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001. Allurait-Tribunal jirrileva illi dan isahhah l-argumenti mressqa minnu aktar 'il fuq u cioe` li l-kwalifici li applikant irid ikollu, jekk derivanti minn istitut barrani, iridu jkunu akkademici.

Illi ghalhekk, dan it-Tribunal iqis li r-rakkomandazzjoni tal-Bord intimat kienet wahda ragjonevoli u gusta fic-cirkostanzi tal-kaz. B'dana kollu it-Tribunal jaghraf u japprezza l-hidmiet tar-rikorrent matul iz-zminijiet u li forsi ma kellux dik il-gwida necessarja biex tul iz-zmien jiehu toroq li setghu iwassluh biex jigi moghti l-*warrant* in kwisjtoni. Madankollu il-Bord ma jistghax jinjora la l-ligi u lanqas il-linji gwida mfassla minnu stess.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-appell tar-rikorrent u filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni u jichad l-it-tieni eccezzjoni tal-Bord intimat, jilqa' l-eccezzjonijiet l-ohra kollha.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**